

# Interesanti dwar l-Innu l-Kbir ...

• L-Innu Sinfoniku ta' Giovanni Gatt, indaqq għall-ewwel darba mill-Banda Pinto f'April tal-1907, dak iż-żmien dan l-innu kien iddedika għall-San Ġorġ minħabba li f'Ħal Qormi kien hawn parroċċa waħda u l-Banda Pinto kienet għada tagħti s-sehem tagħha f'din il-Festa. Il-versi ta' dan l-innu kienu bit-Taljan u nkitbu minn Ġuże Muscat Azzopardi li dak iż-żmien President tas-Soċjetá Filarmonika Pinto. Interessanti l-fatt li għalkemm dan l-innu kien iddedikat lil San Ġorġ, saret referenza għall-qaddis permezz ta' metafori li uża għaliex fil-versi tiegħu, il-kittieb qatt ma semmieħ direttament. It-tenur li kien kantah l-ewwel darba kien ċertu Bajjada.


*Giovanni Gatt*

• Skond rapporti mill-ġurnali dan l-innu kellu l-ewwel eżekuzjoni tiegħu il-Ħadd 21 ta' April 1907, Jum l-aħħar tridu fil-festa ta' San Ġorġ li dak iż-żmien kienet għada ssir fit-23 ta' April.

• Dan l-Innu reġa ndaqq fis-sena 1908 taħt id-direzjoni tas-Surmast Giovanni Gatt, iżda ftit hemm informazzjoni ta' meta u kemm indaqq, ħlief għal kitba li hemm fil-ktieb tal-kaxxier fis-sena 1930 fejn kien tħallas it-tenur.

• Fl-1936 twaqqfet il-parroċċa San Sebastjan u l-Każin Pinto sab ruħu fil-limitat ta' din il-parroċċa u eżatt wara l-gwerra, fl-1945 kienu saru żewġ Seduti Ġenerali għall-bandisti (fit-23 ta' Mejju u fil-5 ta' Ġunju), fejn tressqu żewġ mozzjonijiet, waħda biex il-kliem ta' dan l-innu jitkanta bil-malti u l-oħra biex l-Innu jiġi ddedikat lil San Bastjan, dawn iż-żewġ mozzjoniet għaddew u Pawlu Sammut il-Lajdi ħa ħsieb il-versi. It-traduzzjoni ma saritx kelma b'kelma mit-taljan, iżda Sammut ħoloq eloġju ta' tifħir lil San Sebastjan.


*Pawlu Sammut*

• L-Innu lil San Sebastjan Martri fuq versi ta' Pawlu Sammut, iżżanżan nhar is-Sibt 7 ta' Lulju 1945 fejn il-Banda Pinto kienet taħt id-direzzjoni ta' Ġużeppi Busuttil. It-tenur kien Joseph Buttigieg.

• Jidher li wara din il-festa dan l-innu reġa għamel xi żmien li ma ndaqqx, sakemm reġa ndaqq fil-festa tal-1954 taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Magri.

• Minħabba kwistjonijiet li kien hawn dan l-Innu reġa ntrefa fl-arkivju sakemm fis-sena reġa ndaqq fil-Festa tal-1967 u minn dak inhar 'l hawn baqa jindaqq u jkollu post permanenti fil-programm li jsir lejliet il-Festa.



It-Tenuri li Kantaw l-Innu:

| | |
|---|---|
| 1907 | Bajjada |
| 1945 | Joseph Buttigieg |
| 1954 | Andrew Sapiano |
| 1967 – 1978 | Andrew Sapiano |
| 1980 – 1981 | Joe Huber |
| 1982 – 1996 | Andrew Sapiano |
| 1997 – 2004 | Joseph Aquilina |
| 2005 | Brian Cefai |
| 2006 | Joseph Aquilina |



*Joseph Aquilina*

Surmastrijiet li dderiġew l-Innu

| | |
|---|---|
| 1907 – 1908 | Giovanni Gatt |
| 1945 | Gużeppi Busuttil |
| 1954 | Joseph Magri |
| 1967 – 1970 | Joseph Magri |
| 1970 – 1978 | Anthony Chircop |
| 1978 – 1983 | Henry Camilleri |
| 1983 – 1989 | George Debono |
| 1990 – sa llum | Dominic Darmanin |

Dan l-innu minn dejjem kien meqjus bħala wieħed mill-isbaħ innijiet sinfoniċi, kapolavur b' eloġju lejn il-Martri Sebastjan. J'Alla dan l-innu jibqa miżmum b'għożża kbira fis-Soċjetá tagħna sabiex jibqa jitgawda mill-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

***Innu lil San Sebastjan Martri***
***Versi ta' Pawlu Sammut***
***Mużika ta' Giovanni Gatt***

Ilkoll flimkien insemmgħu f'salt
Leħen li ħiereġ minn qalbna
Dan jitla bħala talba
Jasal sa fis-smewwiet

Ja Kbir qaddis li minn xejn ma' bżajt
Qawwi suldat ta' Kristu
Sod fit-twemmin sa l-aħħar bqajt
Għalxejn l-għedewwa bdew jirsistu.
Bil-vleġeġ lilek niffdu
Fost tiġrib kbir ta' tbatijiet
Sakemm minn dan il-wied tad-dmugħ
Int tirt għal ġo s-smewwiet.

Tenur: Oh Sebastjano tifħir naghtuk fil Jum tal-Festa tiegħek
Inti minn xejn ma bżajt u bqajt tiġġieled għall-fidi nisranija
Rebbieħ, Xebbieħ,
Rebbieħ fuq l-għadu kont ħrigt bl-akbar qlubija.
Għalkemm ħajtek qerdulek
Il-ħlas iżjed kabbrulek
Quddiem Alla tas-sewwa
Ġieħ kbir żieduklek
Tal-hena l-bieb bil-mewt fetħulek.

Ningħaqdu ma' l-anġli f'dal Jum hekk sabiħ
Ja Kbir Sebastjan naghtuk l-aqwa qima
Tassew jisthoqqlok li inraddlek kull ġieħ:
Ilqa minn qalbna din it-tislima.

Tenur: Ħarstek dawwart lejn is-smewwiet
Id-dinja warajk tfajt
Ġarrabt moħqrija, tbatijiet
Il-Fidi ħajtek tajt.
Nitolbuk li tkun magħna ħanin
Fuq l-għadu tagħna
fuq l-għadu tagħna oħroġna rebbiħin.
Bil qalb dan nitolbuk
B'hekk wara - mewt niġu ngawduk
Biex niġu ngawduk
Biex niġu ngawduk.

Id-dinja warajk tfajt
Għall-fidi ħajtek tajt
Ħajtek ħallejt
Għal min ħabbejt

Ja Kbir qaddis li minn xejn ma' bżajt
Qawwi suldat ta' Kristu
Sod fit-twemmin sa l-aħħar bqajt
Għalxejn l-għedewwa bdew jirsistu.
Bil-vleġeġ lilek niffdu
Fost tiġrib kbir ta' tbatijiet
Sakemm minn dan il-wied tad-dmugħ
Int tirt għal ġo s-smewwiet.

Ilkoll magħqudin
Bil-qalb nitolbuk
Ftakar kemm inħobbuk
Mexxina fit-triq it-tajba
Mexxina ' quddiem
Għal dik l-hena mingħajr tmiem.

